REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 233/2013

tal-15 ta' Marzu 2013

li jiffissal-ammont tal-għajnuna għar-riport u tal-għajnuna b'rata fissa għal ċerti prodotti tas-sajd għas-sena tas-sajd 2013

IL-KUMMISSJON EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tas-sajd u l-prodotti tal-akkwakultura [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2814/2000 tal-21 ta' Diċembru 2000 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 dwar l-għoti ta' għajnuna li tingħieb 'il quddiem ta' ċerti prodotti tas-sajd [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 939/2001 tal-14 ta' Mejju 2001 li jistabilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 rigward l-għoti ta' għajnuna b'rata fissa għal ċerti prodotti tas-sajd [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 104/2000 jipprevedi li tista' tingħata għajnuna għal kwantitajiet ta' ċerti prodotti friski rtirati mis-suq u li jew jiġu pproċessati sabiex jiġu stabbilizzati u maħżuna inkella jiġu priżervati.

(2) L-għan ta' dik l-għajnuna huwa li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jitħeġġu b'mod xieraq biex jipproċessaw jew jippreżervaw il-prodotti rtirati mis-suq sabiex il-qirda tagħhom tiġi evitata.

(3) Il-livell tal-għajnuna ma għandux ikun tali li jħarbat il-bilanċ tas-suq tal-prodotti inkwistjoni jew jgħawweġ il-kompetizzjoni.

(4) Il-livell tal-għajnuna ma għandux jisboq il-kostijiet tekniċi u finanzjarji assoċjati mal-operati essenzjali biex il-prodott jiġi stabbilizzat u maħżun kif dokumentati fl-Unjoni matul is-sena tas-sajd ta' qabel is-sena inkwistjoni.

(5) Biex ma jixxekkilx l-operat tas-sistema ta' intervent fis-sena 2013, dan ir-Regolament għandu japplika b'lura mill-1 ta' Jannar 2013.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 104/2000,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għas-sena tas-sajd 2013, l-ammonti ta' għajnuna mħollija għas-sena ta' wara kif imsemmi fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, u l-ammonti ta' għajnuna b'rata waħda msemmija fl-Artikolu 24(4) ta' dak ir-Regolament, għandhom jiġu stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2013.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Marzu 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22.
[2] ĠU L 326, 22.12.2000, p. 34.
[3] ĠU L 132, 15.5.2001, p. 10.

ANNESS

1. L-ammont ta' għajnuna għar-riport għall-prodotti elenkati fl-Anness I, il-Partijiet A u B u għal-lingwata komuni (*Solea* spp.) elenkata fl-Anness I, il-Parti C tar-Regolament (KE) Nru 104/2000

Metodi ta' pproċessar elenkati fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000	Għajnuna (EUR/tunnellata)
1	2
I. Iffriżar u ħżin tal-prodotti sħaħ, bil-ġewwieni mneħħi u bir-ras, jew prodotti mqattgħin	
— Sardin tal-ispeċi *Sardina pilchardus*	368
— Speċi oħra	298
II. Il-qtugħ fi fletti, l-iffriżar u l-ħżin	410
III. Tmelliħ u/jew tnixxif u ħżin tal-prodotti sħaħ, bil-ġewwieni mneħħi u bir-ras, jew prodotti mqattgħin jew maqtugħin fi fletti	280
IV. Marinar u ħżin	264

2. Ammont ta' għajnuna għar-riport għall-prodotti l-oħra elenkati fl-Anness I, il-Parti C tar-Regolament (KE) Nru 104/2000

Metodi ta' pproċessar u/jew ippriżervar elenkati fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000	Prodotti	Għajnuna (EUR/tunnellata)
1	2	3
I. Iffriżar u ħżin	Ksampu (*Nephrops norvegicus*)	327
	Dnub tal-Ksampu (*Nephrops norvegicus*)	250
II. Tneħħija tal-irjus, iffriżar u ħżin	Ksampu (*Nephrops norvegicus*)	295
III. Sajran, iffriżar u ħżin	Ksampu (*Nephrops norvegicus*)	327
	Granċijiet tal-ikel (*Cancer pagurus*)	250
IV. Pasturizzazzjoni u ħżin	Granċijiet tal-ikel (*Cancer pagurus*)	392
V. Ħżin tal-annimal ħaj f'tankijiet jew gaġeġ fissi	Granċijiet tal-ikel (*Cancer pagurus*)	215

3. Ammont ta' għajnuna b'rata fissa għall-prodotti elenkati fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 104/2000

Metodi tal-ipproċessar	Għajnuna (EUR/tunnellata)
I. Iffriżar u ħżin tal-prodotti sħaħ, bil-ġewwieni mneħħi u bir-ras, jew prodotti mqattgħin	298
II. Il-qtugħ fi fletti, l-iffriżar u l-ħżin	410